MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 21/2014

Mobisle Communications Limited

Vs

Maria Magro

Seduta tal-lum 2 ta' Ottubru 2014

It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba prezentat fis-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li bih il-kumpanija attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' tlett mija u ghoxrin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€ 320.42) iema ammont huwa fi hlas ta' servizzi ta' internet fil-kont numru 497928. Dan bl-ispejjez kollha ) u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

It-Tribunal ra r-riferta pozittiva tal-konvenuta

Ra li l-konvenuta naqset minn li tirrispondi ghal kawza fiz-zmien lit rid il-ligi, kif ukoll minn li tidher quddiem it-Tribunal biex tikkontesta t-talba.

Sema' ix-xhieda ta' Emanuel Cini moghtija fis-seduta tal-lum tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2014) .

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra.

Illi, l-konvenuta la deheret biex tikkontesta t-talba quddiem it-Tribunal u lanqas ma' prezentat risposta.

It-Tribunal sema' bil-gurament lil Emanuel Cini, impjegat fil-Credit Control Section tal-kumpanija attrici liema xhud ikkonferma illi d-debitu favur il-kumpanija tieghu ghadu dovut fl-intier tieghu. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll illi dawn jikkorraboraw dak li xehed l-istess Emanuel Cini.

Fil-kumpless tac-cirkostanzi u l-provi kollha u fin-nuqqas ta' oppozizzjoni da parti tal-konvenuta, it-Tribunal jidirlu illi t-talba tal-kumpanija attrici hija wahda gusta u timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet tal-kumpanija attrici, jikkundanna lill-konvenuta Maria Magro thallas lilha is-somma ta' tlett mija u ghoxrin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€ 320.42). Bl-imghax mil-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez kollha jkunu a' karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------